# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 3/2012 SM**

**David Santillo (I.D. Numru 545977 M) u martu Jacqueline Santillo (I.D. Numru 117876 M)**

**vs.**

**Jesmond Tonna (I.D. Numru 354974 M) u *Malta Dairy Products Ltd.* (C – 7833)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi fl-1 ta' Dicembru, 2006, ikkonkludew ftehim *in atti* tan-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar li permezz tieghu:

1.1.1. L-intimat Jesmond Tonna obbliga ruhhu li jcedi, jassenja, jbiegh u jittrasferixxi lir-rikorrenti l-agenzija numru 41 li l-istess intimat hawn indikat ghandu minghand is-socjeta` intimata;

1.1.2. Ir-rikorrenti konjugi Santillo accettaw bl-istess kuntratt fuq indikat li jixtru u jakkwistaw l-agenzija *de quo*;

1.1.3. Illi l-istess rikorrenti kellhom jigu rikonoxxuti bhala agenti tas-socjeta` intimata fir-rotta ta' distribuzzjoni tal-prodotti ta' l-istess socjeta` f'Birkirkara;

1.1.4. U dan, bil-kondizzjonijiet patwiti fl-istess ftehim fuq indikat, (ara foll 7 *et sequitur*);

1.2. Illi permezz ta' l-istess ftehim fuq indikat il-partijiet fuq indikati ftehmu wkoll fuq it-trasferiment ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JES – 041, liema vettura kienet tintuza mill-intimat Tonna biex iqassam il-prodotti tas-socjeta` intimata bih, u dan, ghall-prezz ta' wiehed u tmenin elf, hames mija u seba` u ghoxrin Ewro u erba` u hamsin centezmu, (€81,527.54), liema prezz kien gia` thallas mir-rikorrenti lill-intimati li irrilaxxaw id-debita ricevuta, (ara foll 8);

1.3. Illi l-bejgh ta' agenzija fuq indikata sar ghall-prezz ta' tlieta u disghin elf, mija u erba` u sebghin Ewro u disa` u sebghin centezmu, (€93,174.79), (ara foll 8);

1.4. Illi l-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti kellu jithallas lill-intimat fuq perjodu ta' hames (5) snin, u minghajr interessi, (ara foll 8);

1.5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti utilizza facilita` bankarja fuq ir-rotta lilhu koncessa mis-socjeta` intimata;

1.6. Illi r-rikorrenti hadem regolarment l-istess rotta lilu hekk koncessa b'diligenza u regolarment hallas ix-xoghol kollu involut lill-istess socjeta` intimata;

1.7. Illi meta kienu qed isiru l-proceduri biex a bazi tal-fuq imsemmi ftehim tinqaleb l-agenzija fuq isem ir-rikorrenti irrizulta li d-dejn dovut lis-socjeta` intimata mill-intimat Tonna ma kienx dak indikat mill-istess Tonna fil-ftehim *de quo* u effettivament, minn dak dikjarat ta’ tmienja u hamsin elf, mitejn u erba` u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€58,234.25), irrizulta li kien gia` lahaq hallas l-ammont ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin elf u mija u tnax -il Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€326,112.38);

1.8. Illi din il-misinformazzjoni allura tammonta ghall-ewwel indikazzjoni ta’ *mala fede* ta’ l-intimat;

1.9. Illi l-ammont li l-intimat iddikjara fil-ftehim *de quo* li hu kellu jaghti lis-socjeta` intimata kien gia` gie saldat mir-rikorrenti skont kif patwit fl-istess ftehim, u dan, f’Ottubru, 2006;

1.10. Illi mill-ammont patwit fuq indikat ir-rikorrenti ghad fadallu jhallas bilanc ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro u sebghin centezmu, (€23,293.70);

1.11. Illi jirrizulta li l-intimat Tonna ghad fadallu jhallas l-ammont ta’ sitta u tletin elf Ewro, (€36,000.00), lis-socjeta` intimata;

1.12. Illi s-socjeta` intimata qed tippretendi li l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jithallas mir-rikorrenti qabel din tirrikonoxxih ufficjalment bhala agent taghha ghall-effetti kollha tal-ligi;

1.13. Illi peress li r-rikorrenti ghamel hames (5) snin shah ihaddem bil-ghaqal l-agenzija in dizamina, l-ammont ta’ dejn originarjament akkumulat mill-intimat Tonna tnaqqas biss bil-hila ta’ l-istess rikorrenti;

1.14. Illi l-intimat Tonna qed jirrifjuta li jhallas id-dejn li ghad ghandu mas-socjeta` intimata;

1.15. Illi konsegwenza ta’ l-istess, it-trasferiment ufficjali ta’ l-agenzija favur ir-rikorrenti ma tistax tigi konkluza;

1.16. Illi r-rikorrenti ghandhom kull interess li d-dejn in dizamina ta' l-intimat fil-konfront tas-socjeta` intimata jigi saldat biex b'hekk il-posizzjoni tieghu tigi finalment regolarizzata;

1.17. Illi l-agir ta' l-intimat Tonna qed jistultifika dan kollu u qieghed johloq pregudizzju serju fil-konfront tar-rikorrenti *stante* li minhabba f'hekk is-socjeta` intimata mhix tirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala agent taghha;

1.18. Illi dan l-agir ta' l-intimat Tonna jmur kontra l-ftehim patwit fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel;

1.19. Illi *di piu`*, l-istess intimat Tonna qieghed jhedded li jerga jaghmel uzu mill-agenzija *de quo* u mir-rotta annessa maghha;

1.20. Illi in effetti, f'dan ir-rigward, l-istess rikorrenti intavola proceduri legali ohra in tutela tad-drittijiet tieghu, (ara foll 15);

1.21. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.21.1. Tikkonferma b'mod definittiv il-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet premessi numru 1718/2011;

1.21.2. Tordna lill-intimat Jesmond Tonna biex fi zmien qasir u perentorju jhallas kwalsiasi dejn rimanenti mas-socjeta` intimata fuq ir-rotta/agenzija numru 41 skont il-ftehim patwit fuq gia` riferit;

1.21.3. Tordna lill-istess intimat Tonna biex jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji biex ma jkun hemm l-ebda xkiel biex is-socjeta` intimata tirrikonoxxi u taqleb l-agenzija numru 41 fuq ir-rikorrenti David Santillo;

1.21.4. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti biex ihallsu kwalsiasi somma rimanenti dovuta lis-socjeta` intimata fuq l-istess agenzija, salv kull dritt li jirkupraw kwalsiasi somma hekk dovuta mill-intimati Tonna;

1.21.5. Tawtorizza lis-socjeta` intimata biex tizbanka l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€23,293.74) depozitata kontestwalment b'cedola appozita;

1.21.6. Tordna lis-socjeta` intimata biex taqleb l-agenzija numru 41 min fuq l-intimat Tonna ghal fuq ir-rikorrenti Santillo;

1.21.7. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Tonna, datata l-20 ta' Frar, 2012, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

2.1. Illi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti hi insostenibbli u ghandha tigi respinta bl-ispejjez;

2.1.1. Illi f'dan ir-rigward ma saret l-ebda talba fir-rikors guramentat promotur biex jigi determinat u dikjarat li dan il-jedd jispetta lir-rikorrenti;

2.2. Illi t-tieni, (2), it-tielet, (3) u r-raba` (4) talbiet tar-rikorrenti ghandhom ukoll jigu respinti bl-ispejjez;

2.2.1. Illi dawn it-talbiet kellhom jigu msejsa fuq determinazzjoni ta' jedd pretiz mir-rikorrenti fil-mandat t'inibizzjoni *de quo*;

2.2.2. Illi ghalhekk ma jista` jigi ordnat l-ebda hlas jew trasferiment jekk qabel ma jigix dikjarat li r-rikorrenti ghandhom dritt li jezigu li jsiru l-pagamenti u trasferimenti mitluba;

2.3. Illi r-rikors guramentat promotur hu monk *stante* li l-ebda talba ghall-kundanna ta' hlas ma tista` tigi akkolta minghajr determinazzjoni ta' l-ammont li tieghu qed tintalab il-kundanna ghall-hlas;

2.3.1. Illi ghalhekk l-ammont involut fit-talba ghall-likwidazzjoni ghadu wiehed incert;

2.3.2. Illi in effetti, it-tieni talba ma gietx preceduta minn talba ghall-kwantifikazzjoni ta' ammont li r-rikorrenti qed jippretendi li jithallas lis-socjeta` intimata;

2.4. Illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, u dan:

2.4.1. *Stante* li l-effetti ta' l-iskrittura privata in dizamina, (ara foll 7), skadew;

2.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma baqghalhom l-ebda dritt li jitolbu l-hlas ta' xi dejn mill-intimat li jista` jkun ghadu dovut lis-socjeta` intimata;

2.6. Illi d-dritt ghall-akkwist ta' l-agenzija u tar-rotta annessa maghha kien suggett ghall-avverament tal-kundizzjoni li r-rikorrenti jhallsu lill-intimat ammont determinat fit-terminu pre-determinat ta' hames (5) snin, liema terminu skada fl-1 ta' Dicembru, 2011, minghajr ma sar l-pagament ta' l-ammont shih dovut *ai termini* ta' l-iskrittura privata *de quo*;

2.7. Illi konsegwenza ta' l-istess, ir-rikorrenti ddekadew mid-dritt taghhom li jesigu t-trasferiment tar-rotta *de quo* favur taghhom u li jenforzaw l-imsemmija skrittura privata;

2.8. Illi l-ammont depozitat il-qorti mir-rikorrenti lanqas gie offrut precedentement lill-intimat;

2.9. Illi ghalhekk anke t-tielet (3) talba, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed u ghoxrin punt hamsa, (1.21.5.), aktar qabel), ghandha tigi michuda;

2.10. Illi l-ammont hekk depozitat mir-rikorrenti hu gia` kontemplat f'debitu gia` kostitwit bejn l-intimati odjerni datat is-27 t'Ottubru, 2011;

2.11. Illi ma saret l-ebda talba, ghall-varjazzjoni ta' l-obbligu patwit fl-att pubbliku datat is-27 t'Ottubru, 2011, mir-rikorrenti;

2.12. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.13. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat il-kontro-talba ta' l-intimat Tonna annessa ma' l-istess risposta guramentata tieghu datata l-20 ta' Frar, 2012, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi essenzjalment jikkonferma li kkonkluda skrittura privata mar-rikorrenti rikonvenzjonat datata l-1 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 7);

3.2. Illi jikkonferma wkoll il-kondizzjonijiet hemm patwiti, (ara foll 7 *et sequitur*);

3.3. Illi minkejja li skada t-terminu hemm patwit ghall-pagament tal-prezz relattiv ghall-akkwist ta' l-agenzija *de quo* da parti tar-rikorrenti rikonvenzjonat, dawn naqqsu li jhallsu l-ammont minnhom dovut;

3.4. Illi fin-nuqqas ta' l-adempiment ta' l-obbligu *de quo*, ir-rikorrenti rikonvenzjonati:

3.4.1. Tilfu kull dritt li jitolbu t-trasferiment tal-agenzija in dizamina favur taghhom;

3.4.2. L-intimat rikonvenzjonanti ma jistax ikun obbligat jittrasferixxi d-drittijiet in dizamina favur ir-rikorrenti rikonvenzjonat;

3.5. Illi in effetti permezz ta' protest gudizzjarju datat il-15 ta' Lulju, 2011, kienu l-istess rikorrenti rikonvenzjonati li talbu r-rifuzjoni ta' l-ammonti minnhom imhallsin akkont ghall-agenzija *de quo*;

3.6. Illi konsegwenza ta’ l-istess allura ddikjara li kienu qed jaccettaw ir-rifuzjoni ta’ parti mill-prezz ta’ l-akkwist u li jirrilaxxaw il-pussess u l-operazzjoni tar-rotta in kwistjoni;

3.7. Illi saru diversi ilmenti fil-konfront tar-rikorrenti rikonvenzjonat dwar is-servizz minnu offrut fir-rigward, liema ilmenti jwasslu ghax-xoljiment ta’ l-istess ftehim;

3.8. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonati tilfu kull dritt li jenforzaw it-trasferiment in dizamina favur taghhom;

3.9. Illi l-bilanc rimanenti depozitat mir-rikorrenti rikonvenzjonati qatt ma gie offrut lill-intimat rikonvenzjonanti;

3.10. Illi l-istess depozitu mhux jigi accettat mill-intimat rikonvenzjonanti *stante* li l-pagament ma sarx entro t-terminu stipulat, u sar b’mod irregolari bi ksur ta’ l-artiklu 1173 *et sequitur* tal-Kodici Civili;

3.11. Illi l-iskrittura *de quo* tilfet kull effett;

3.12. Illi l-intimat rikonvenzjonanti ghandu dritt ghall-kumpens ghall-uzu li r-rikorrenti rikonvenzjonant ghamel mir-rotta ta’ distribuzzjoni in dizamina;

3.13. Illi dan il-kumpens ghandu jigi likwidat u dan, ghal perjodu ta’ hames (5) snin uzu mir-rotta in dizamina;

3.14. Illi konsegwenza tas-suespost qed jutilizza l-istess procedura biex ir-rikorrenti rikonvenzjonat jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

3.14.1. Tiddikjara li d-depozitu gudizzjarju maghmul mir-rikorrenti rikonvenzjonati datat it-3 ta’ Jannar, 20212, hemm riferit, (ara foll 34), hu irritwali u null;

3.14.2. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonati naqqsu li jhallsu s-somma totali minnhom dovuta ghall-akkwist ta’ l-agenzija in dizamina *ai termini* ta’ l-iskrittura privata

datata l-1 ta' Dicembru, 2006, u dan sa l-1 ta' Dicembru, 2011, kif hemm stipulat;

3.14.3. Tiddikjara li l-istess rikorrenti rikonvenzjonati tilfu d-dritt li jakkwistaw id-drittijiet naxxenti mill-istess skrittura privata in dizamina minghand l-intimat rikonvenzjonant;

3.14.4. Tiddikjara li allura ma jista` jsir l-ebda trasferiment ta' l-agenzija *de quo* mis-socjeta` *Malta Dairy Products Limited* lir-rikorrenti rikonvenzjonat;

3.14.5. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonati kissru l-obbligazzjoni taghhom kif indikati fl-imsemmija skrittura meritu ta' din il-procedura u li allura, m'ghandhom l-ebda dritt ghal rifuzjoni ta' l-ammonti minnhom imhallsa lill-intimat rikonvenzjonanti;

3.14.6. Tittermina u xxolji l-iskrittura privata in dizamina;

3.14.7. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonati haddmu r-rotta *de quo* a bazi ta' l-imsemmija skrittura privata konkluza mas-socjeta` *Malta Dairy Products Limited* ghal hames (5) snin, u li allura l-intimat rikonvenzjonanti ghandu dritt ghall-kumpens ghall-uzu ta' l-imsemmija rotta;

3.14.8. Tillikwida, anke bl-opera ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-intimat rikonvenzjonanti;

3.14.9. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati biex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-intimat rikonvenzjonanti;

3.14.10. Bl-ispejjez kif dedotti fit-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ta' l-intimat;

4.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-3 ta' Frar, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti;

4.1. Illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` intimata u r-rikorrenti;

4.2. Illi ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4.3. Illi kwalsiasi ftehim milhuq bejn ir-rikorrenti u l-intimat Santillo hu *res inter alios acta aliis nec nocet nec prodest*;

4.4. Illi s-socjeta` intimata mhix parti mill-istess ftehim;

4.5. Illi r-raba` (4) talba tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed u ghoxrin punt sitta, (1.21.6.), aktar qabel), hi insostenibbli u ma tistax tigi milqugha;

4.6. Illi kemm -il darba din it-talba indikata fil-paragrafu precedenti tigi milqugha, jigi stultifikat il-ftehim ta' distribuzzjoni in dizamina;

4.7. Illi *ai termini* ta' l-artiklu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess ftehim ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens taghhom jew skont il-ligi;

4.8. Illi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed u ghoxrin punt wiehed, (1.21.1.) aktar qabel), hi ekwivalenti ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju permanenti – haga li mhix permessa mill-ligi – u ghandha tigi respinta bl-ispejjez;

4.9. Salv rispost ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonati ghall-kontro-talba ta' l-intimat Jesmond Tonna datata s-6 ta' Marzu, 2012, li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti ghall-istess kontro-talba:

5.1. Illi *stante* li d-depozitu in dizamina sar in kawtela tad-drittijiet tad-depozitant u tas-socjeta` intimata , l-ewwel (1) talba ta' l-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi respinta;

5.2. Illi mhux minnu li s-somma dovuta ma thallsitx, u konsegwentement it-tieni (2) talba ta' l-intimat rikonvenzjonanti ghandha tigi respinta wkoll;

5.3. Illi d-depozitu in dizamina sar biex jekk dovut, dan jithallas lis-socjeta` intimata biex b'hekk ikun jista` jsir it-trasferiment tar-rotta *de quo* u ghalhekk, it-tielet (3) talba ghandha wkoll tigi respinta;

5.4. Illi r-raba' (4) u l-hames (5) talbiet ta' l-intimat rikonvenzjonanti huma kontradittorji *stante* li:

5.4.1. Waqt li l-istess qed jitlob ix-xoljiment tal-ftehim *de quo*;

5.4.2. Qed titlob ukoll li ma jkunx hemm dritt ta' rifuzjoni;

5.5. Illi m'hemm l-ebda bazi ghax-xoljiment mitlub;

5.6. Illi t-talba ghall-kumpens hi infondata *stante* li r-rotta giet operata a bazi tal-ftehim *de quo*, tant li anke l-licenzja tat-trakk kienet inqalbet minghand Tonna favur Santillo;

5.7. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni hi infondata;

5.8. Illi in vista tal-premess, it-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonanti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 238);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat s-26 ta' Jannar, 2015, (ara foll 242), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata it-30 ta' Marzu, 2015, (ara foll 249), u dik ta' l-

intimat li wkoll iggib l-istess data tan-nota tas-socjeta` intimata, (ara foll 254);

8. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti mill-partijiet;

10. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kollha involuti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in vista tal-premess il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-kontendenti principali Santillo u Tonna ikkonkludew skrittura privata datata l-1 ta' Dicembru, 2006, li permezz taghha fil-qosor, ftehmu s-segwenti, (ara foll 7):

11.1.1. Illi l-intimat Tonna hu agent tas-socjeta` intimata, (ara foll 7);

11.1.2. Illi l-agenzija lilhu assenjata hi dik li ggib in-numru 41 u permezz ta' l-istess jiddistribwixxi l-prodotti ta' l-istess socjeta` intimata fil-hwienet sitwati fil-lokalita` li taqgha taht l-istess agenzija, (ara foll 8);

11.1.3. Illi d-distribuzzjoni *de quo* issir bit-trakk li appozitament igib in-numru JES – 041, (ara foll 8);

11.1.4. Illi biex jigi attwat ix-xoghol ta' distribuzzjoni meritu ta' l-istess skrittura mir-rikorrenti, l-istess trakk indikat fil-paragrafu precedenti gie trasferit fuq ir-rikorrenti qabel ma giet konsolidata l-iskrittura *de quo*, (ara foll 8);

11.1.5. Illi l-intimat Tonna intrabat li jitrasferixxi d-distribuzzjoni involuta fl-imsemmija agenzija fuq ir-rikorrenti, (ara foll 8);

11.1.6. Illi min-naha taghhom ir-rikorrenti intrabtu li jaccettaw li jezegwixxu d-distribuzzjoni involuta fl-agenzija *de quo*, (ara foll 8);

11.1.7. Illi il-kontraenti jiddikjaraw li jafu f'hix tikkonsisti d-distribuzzjoni tal-prodotti *de quo*, (ara foll 8);

11.1.8. Illi l-istess sar ghall-prezz ta' hamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm35,000.00), liema ammont gia` thallas mir-rikorrenti lill-intimat Tonna, (ara foll 8);

11.1.9. Illi l-intimat intrabat ukoll li jbiegh il-ftehim li hu kellu fuq l-agenzija numru 41 lir-rikorrenti Santillo, (ara foll 8);

11.1.10. Illi r-rikorrenti wkoll intrabtu li jixtru l-istess agenzija mill-intimat Tonna, (ara foll 8);

11.1.11 Illi permezz ta' l-imsemmi trasferiment allura r-rikorrenti jigu rikonoxxuti bhala l-agenti tas-socjeta` intimata fl-agenzija *de quo*, (ara foll 8);

11.1.12. Illi l-agenzija in dizamina qeghda tigi hekk trasferita ghall-prezz addizzjonali ta' erbghin elf Lira Maltin, (Lm40,000.00), liema ammont ghandu jithallas fi zmien hames (5) snin, (ara foll 8);

11.1.13. Illi l-istess skrittura tinkludi wkoll is-segwenti kundizzjonijiet:

11.1.13.i. Illi l-intimat ikollu dritt jittermina l-ftehim *de quo* f'kaz ta' rapporti negattivi u gustifikati, (ara foll 8 u 9);

11.1.13.ii. Illi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma jkollhomx dritt ghar-rifuzjoni ta' dak gia` mhallas lill-intimat, (ara foll 9);

11.1.13.iii. Illi kemm -il darba r-rikorrenti ma jigux ghal kwalsiasi raguni, rikonoxxuti bhala agenti tas-socjeta` intimata l-agenzija numru 41, l-intimat Tonna jintrabat li fi zmien hames (5) snin, irodd lura lir-rikorrenti Santillo l-ammont kollu li jkunu hallsu mis-sommma globali ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (Lm75,000.00), ghall-istess u dan, minghajr interessi, (ara foll 9);

11.1.13.iv. Illi l-hames (5) snin indikati fil-paragrafu precedenti jibdew jiddekorru mill-mument li r-rikorrenti jsiru jafu li mhux ser jigu rikonoxxuti bhala agenti mis-socjeta` intimata;

11.1.13.v. Illi wkoll, kemm -il darba l-istess rikorrenti ma jigux hekk rikonoxxuti bhala agenti, it-trakk fuq indikat, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed punt tlieta, (11.1.3.), aktar qabel), jerga jiddawwar f'isem l-intimat, (ara foll 9);

11.1.13.vi. Illi l-krediti u debiti kkreati mill-intimat sad-data tal-pagament effettiv ta' hamsa u tletin elf Lira Maltin, (Lm35,000.00), huma r-responsabbilita` esklussiva ta' l-intimat, (ara foll 9);

11.1.13.vii. Illi min dak il-mument indikat fil-paragrafu precedenti -il quddiem, il-krediti u debiti konnessi ma l-istess xoghol ikunu a karigu tar-rikorrenti, (ara foll 9);

11.1.13viii. Illi d-debiti li l-intimat jista` jkollu mas-socjeta` intimata jibqghu a karigu ta' l-intimat, (ara foll 9);

11.1.13.ix. Illi mid-data tal-pagament effettiv ta' l-ammont indikat fit-tielet (3) paragrafu ta' qabel dan, kull *bonus* u *allowance* moghti mis-socjeta` intimata ghandu jghaddi favur ir-rikorrenti, (ara foll 9);

11.1.13.x. Illi l-ftehim hekk patwit jibqa` jorbot lill-eredi, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

12. Illi a bazi tal-ftehim fuq espost, il-kontendenti ghaddew biex jattivawh;

13. Illi sa kemm il-bank avvicinat mir-rikorrenti seta` jevalwa s-sitwazzjoni mressqa quddiemu biex ir-rikorrenti jeffettwa l-pagamenti patwiti, ir-rikorrenti beda jmur jiddistribwixxi l-prodotti tas-socjeta` intimata flimkien ma' l-intimat biex b'hekk ikun jista` jidra r-rotta involuta, (ara foll 85);

14. Illi in segwitu ghall-istess, permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar datat is-26 ta' Settembru, 2006, ir-rikorrenti hallsu l-ammont ta' hamsa u tletin elf Lira Maltin, (Lm35,000.00), illum ekwivalenti ghal wiehed u tmenin elf, hames mija u disgha u ghoxrin Ewro (€81,529.00);

15. Illi jirrizulta *di piu`* li l-istess rikorrenti kien ukoll f'din l-okkazjoni hallas lill-intimat l-ammont ta' erbat elef Lira

Maltin, (Lm4,000.00), liema ammont kellu jitnaqqas mis-somma indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 85 u 92);

16. Illi konsegwenza ta' l-istess, ir-rikorrenti beda jopera r-rotta in dizamina fl-10 t'Ottubru, 2006, (ara foll 85);

17.0. Illi fl-istess laqgha ghand in-nutar fuq indikata r-rikorrenti effettwa s-segwenti pagamenti ulterjuri:

17.1. *Cheque* ammontanti ghal tlettax -il elf disa` mija u sitta u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€13,976.26), (ara foll 85), pagabbli lill-intimat Tonna;

17.2. *Cheque* iehor ammontanti ghal hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm25,000.00), pagabbli lis-socjeta` intimata, (ara foll 85 u 94);

18. Illi sussegwentenment, wara li r-rikorrenti beda jopera d-distribuzzjoni fl-agenzija kif patwit, l-istess rikorrenti beda jhallas lill-intimat ir-rati patwiti, (ara foll 86 u 99);

19. Illi wara laqgha ghall-agenti li kienet saret ghall-habta t'April, 2007, l-intimat Tonna rrifjuta jibghat ittra lis-socjeta` intimata biex jinfurmha li l-agenzija *de quo* kienet giet hekk maqluba fuq ir-rikorrenti u dan, ghaliex hu kellu dejn konsiderevoli mas-socjeta` intimata fl-ammont ta' mija u erbghin elf Lira Maltin, (Lm140,000.00), u mhux kif kien indika lin-nutar fuq indikata ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm25,000.00), (ara foll 86);

20. Illi din l-iskoperta mhux biss skonvolgiet lir-rikorrenti izda tat lok ghal saga li wasslet lill-kontendenti fil-procedura odjerna;

21. Illi qabel ma d-dejn li l-intimat ghandu mas-socjeta` intimata jithallas, din ma tkunx tista` tirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala agent taghha;

22. Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor James Grech, datat is-27 t'Ottubru, 2011, l-istess intimat iffirma kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' sitta u tletin elf u disa` u tletin Ewro u tlieta u sittin centezmu, (€36,039.63), (ara foll 224);

23. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kien offra li jhallas l-imsemmi debitu lis-socjeta` intimata, l-intimat irrifjuta tali offerta, (ara foll 90);

Ikkunsidrat:

24.0. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

24.1. Illi l-partijiet kontraenti huma dejjem obbligati jagixxu *in buona fede* meta jikkonkludu kwalsiasi ftehim;

24.2. Illi dan l-obbligu hu inkombenti fuq il-partijiet kollha involuti f'tali strument u dan kif stabbilit statutorjament mill-artiklu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi",

24.3. Illi jirrizulta assodat li meta l-intimat ikkonkluda l-ftehim li eventwalment ta` lok ghall-procedura odjerna, hu heba` mir-rikorrenti l-ammont li hu kellu jaghti lis-socjeta` intimata;

24.4. Illi *di piu`*, kif ritenut mill-**Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Michael Gatt et vs. Joseph Portelli** datata d-**9 ta' Lulju, 2008**:

> "... il-bona fede m'ghandiex biss valur verament teoretiku. Din anzi ghandha f'sens oggettiv tkun intiza bhala regola komportamentali ta' ragonevolezza, u fuq kollox, ta' lealta` u ta` korrettezza";

24.5. Illi ghalhekk kostantement kien ritenut li mhux tollerabbli li att subdolu u nefast maghmul minn parti kontraenti jigi sussegwentement, bhal fil-kaz odjern, utilizzat biex iqarraq bil-parti li vvinkolat ruhha in *buona*

*fede* mieghu biex b'hekk jezimi ruhhu mill-vinkoli kontrattwali minnha assunti;

24.6. Illi kif ritenut mid-decizjonijiet indikati mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti (ara foll 245 *et sequitur*), u mill-gherf Ruman antik, hu ormai assodat il-principju li:

"pacta sunt servanda";

Ikkunsidrat:

25.0. Illi mill-fatti fuq sintetikament elenkati jirrizulta essenzjalment is-segwenti:

25.1. Illi l-partijiet Santillo u Tonna ikkonkludew skrittura privata, (ara foll 7), li permezz taghha ddecidew li:

25.1.1. Ta' l-ewwel jassumi l-agenzija in dizamina bit-trakk tax-xoghol b'kollox;

25.1.2. Ta' l-ahhar li jghaddi l-istess agenzija u trakk lill-istess rikorrenti biex jidhol fix-xoghol tad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-halib u derivanti ohra manifattura li mis-socjeta` intimata;

25.1.3. Illi dan l-operat gie saldat finanzjarjament billi:

25.1.3.i. **Ir-rikorrenti Santillo**:

a. Xtraw it-trakk fuq riferit, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed punt tmienja, (11.1.8.), aktar qabel);

b. Hallsu ammont sostanzjali lill-intimat permezz ta' kuntratt datat is-26 ta' Settembru, 2006, (ara paragrafu numru erbghatax, (14), aktar qabel);

c. Hallsu parti mill-ammont rimanenti permezz ta' self bankarju, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel);

d. Illi ghar-rigward tad-differenza rimanenti r-rikorrenti ma kellhomx alternattiva ohra hlief li jiddepozitaw l-istess ammont fir-registru ta' din il-qorti skont il-ligi, (ara foll 11);

25.1.3.ii. **L-intimat Tonna**:

a. Illi l-indikazzjoni kontrattwali li hu ta lir-rikorrenti ma rrizultatx suffragata mill-fatti *stante* li l-ammont li finalment irrizulta li hu kellu jaghti lis-socjeta` intimata kien ferm aktar minn dak li hu indika lill-istess rikorrenti;

b. Illi addirittura dak indikat fil-paragrafu precedenti gie skopert wara li kien konsolidat l-arrangement specifiku fir-rigward datat il-11 ta' Novembru, 2011, (ara foll 126);

Ikkunsidrat:

26.0. Illi ghandu jkun ghalhekk pacifiku li l-intimat Tonna naqas fl-obbligi kuntrattwali tieghu billi:

26.1. M'ottemporax ruhhu mill-kundizzjonijiet patwiti mar-rikorrenti fil-kuntratti fuq riferiti;

26.2. Heba l-posizzjoni finanzjarja tieghu mas-socjeta` intimata;

27. Illi rizultat ta' dak espost fil-paragrafu precedenti ghandu jkun pacifiku li l-istess intimat ma mexiex in *buona fede* mar-rikorrenti kif statutorjament tenut u kif fuq gia` espost;

28. Illi kif ritenut mill-**Qorti ta' l-Appell** f'dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet **Michael Pace vs. Richard Micallef *proprio et nomine*** datata l-15 ta' Dicembru, 2004:

> "Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' <u>ekwita`</u> kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabbli skont in-normi stabbiliti tas-socjeta` u tal-logika guridika";

29.0. Illi ghandu jkun pacifiku li l-komportament ta' l-intimat Tonna kif fuq sintetikament espost jinkwadra fl-insenjament riprodott fil-paragrafu precedenti *stante* li l-intimat *de quo* jirrizulta li qieghed kappriccozament:

29.1. Jirrifjuta li jadixxi mat-termini minnhu liberament patwiti fl-iskrittura privata ta' l-1 ta' Dicembru, 2006, fuq analizzati;

29.2. Johloq ansjeta` finanzjarja inutili kemm fuq ir-rikorrenti kif ukoll fuq is-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti tirrileva finalment sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi l-mandat t'inibizzjoni hemm riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed u ghoxrin punt wiehed, (1.21.1.), aktar qabel), hu procedura gia` deciza skont il-ligi;

30.2. Illi tali problematika hi rizolta *ai termini* ta' l-artiklu 836(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> “Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartiklu (1), u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli”;

30.3. Illi konsegwenza tas-suespost ghandu jkun pacifiku li t-talba tar-rikorrenti indirizzata fir-rigward hi ghal kollox superfluwa u ma timmeritax l-avall ta’ din il-qorti;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi allura, bl-eccezzjoni ta’ l-ewwel talba tar-rikorrenti kif sottolineat fil-paragrafu precedenti, sodisfatta li r-rikorrenti David u Jacqueline konjugi Santillo, ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti ta’ l-intimat Jesmond Tonna u l-kontro-talba kollha tieghu, tirrespingi wkoll ir-risposta tas-socjeta` intimata *Malta Dairy Products Limited* u konsegwentement:

31.1. Tilqa` t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-eccezzjoni ta’ l-ewwel talba taghhom rigwardanti l-mandat t’inibizzjoni minnhom riferut, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed u ghoxrin punt wiehed, (1.21.1.) aktar qabel);

**DECIDE:**

31.2. Illi in vista ta’ l-istess:

31.2.1. Tordna lill-intimat Tonna biex fi zmien xahar mill-lum jiehu dawk il-mizuri necessarji biex ma jkun hemm l-ebda xkiel biex is-socjeta` intimata tirrikonoxxi u taqleb l-agenzija numru 41 fuq ir-rikorrenti Santillo;

31.2.2. Illi fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti Santillo biex ihallsu kwalsiasi ammont li jista` jkun dovut lis-socjeta` intimata rigward l-agenzija *de quo*, salv kull dritt li jirkupraw kwalsiasi somma dovuta fir-rigward mill-intimat Tonna;

31.2.3. Tawtorizza lis-socjeta` intimata biex tizbanka l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€23,293.47), depozitat in atti;

31.2.4. Tordna lis-socjeta` intimata biex taqleb l-agenzija numru 41 minn fuq l-intimat Tonna ghal fuq ir-rikorrenti David Santillo;

31.2.5. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kif dedotti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat Jesmond Tonna.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**